**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Attard]**
**vs**
**Joshua Sciberras**
**Keith Spiteri**
**Jeremy D'Amato**
**Jide Mallia**

**Kumpilazzjoni Numru: 12/2020**

**Illum, 4 ta' Marzu, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Joshua Sciberras detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0059200(L), Keith Spiteri detentur tal-karta tal-identità numru 0340799(M), Jeremy D'Amato detentur tal-karta tal-identità numru 306899(M),

u Jide Mallia detentur tal-karta tal-identità numru 146199(M):-

1. U akkużati talli nhar il-10 ta' Jannar 2020 bejn it-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) u l-hamsa ta' wara nofsinhar (17:00hrs) gewwa Triq is-Salib, Hal Ghaxaq u/jew fi bnadi ohra fil-Gzejjer Maltin, serqu basket u mobile, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, ghad-dannu ta' Ryan Cachia u dan bi ksur tal-artikoli 261(a)(c), 274(a), 275, 279(a), 280(2) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Ryan Cachia f'periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ryan Cachia hekk kif iccertifika Dr Josef Mifsud (numru ta' registrazzjoni medika 3231) u dan bi ksur tal-artikoli 214, 215, 218(1)(a) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli, fl-istess data, perjodu, lok, hin u ċirkostanzi, bil-hsieb li jissekwestraw lil xi

persuna kontra l-volontà taghha, liema sekwestru il-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata, giet offiza fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt; taw il-bidu b'atti esterni, ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volontà taghhom u dan bi ksur tal-artikoli 41(1)(a), 86, 87(c) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kissru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Akkuzati aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza ghamlu lil Ryan Cachia ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kienn ipprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 339(e) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Lil **Jide Mallia** wahdu talli nhar il-11 ta' Jannar 2020 ghall-habta ta' bejn it-tmienja ta' filghodu (08:00hrs) u l-ghaxra ta' filghodu (10:00hrs) gewwa l-lock up tal-pulizija, Floriana, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn 23.29 Euro izda anqas minn 116.47 Euro ghad-dannu tal-korp tal-pulizija u/jew il-gvern ta' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(c) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

7. Akkuzat aktar talli fl-istess data, post, lok, hin u cirkostanzi u/jew fil-jiem u x-xhur ta' qabel ikkaguna biza' lil Ryan Cachia u lil ommu Maria Rosa li biza' se tintuza kontrihom u dan bi ksur tal-artikolu 251B(1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

8. Akkuzat ukoll talli nhar it-30 ta' Dicembru 2019 u/jew fil-jiem u x-xhur ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta' persuna/i

minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mir-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Akkuzat ukoll talli nhar il-10 ta' Jannar 2020 ghall-habta ta' bejn t-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) u l-hamsa ta' wara nofsinhar (17:00hrs), gewwa l-gzejjer Maltin, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat u dan bi ksur

tal-artikolu Artikolu 49(a) tal-kap 339 tal-ligijiet ta' Malta;

10. Lil **Joshua Sciberras** wahdu talli nhar il-10 ta' Jannar 2020 ghall habta ta' bejn il-erbgha u nofs ta' wara nofsinahr (16:30hrs) u s-sebgha ta' filghaxija (19:00hrs) gewwa l-lock up tal-pulizija gewwa l-Floriana, Malta u/jew f'inhawi ohra fil-gzejjer Maltin talli garr strument li jaqta' u bil-ponta (muws), barra minn xi fond u/jew id-dintorni tieghu minghajr il-licenzja tal-kumissarju tal-pulizija u dan bi ksur tal-artikoli 6 u 7 tal-kap 480 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbiliti skond il-ligi, tapplika il-provedimenti ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, u anke' matul l-mori tal-kawza, l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Ryan Cachia u l-familjari tieghu ai termini ta' l-artikolu 412C, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li titratta lil Jide Mallia bhala persuna recidiva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet permezz ta' noti ta' sottomissjonijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat l-ezami tal-imputati li wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputati u cioè:

a. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 383, 384, 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-artikolu 261(a)(c), 274(a), 275, 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 214, 215 u 218 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 41(1)(a), 86, 87(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Fil-konfront ta' Jide Mallia wahdu:</u>

a. Fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 2, 9, 22(1)(a)(1B)(2)(b)(ii), 22A, 26 tal-Kapitolu 101 Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi;
d. Fir-regolamenti 4 u 9 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati;
e. Fl-artikoli 23, 23A, 23B u 23C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-artikolu 49(a) tal-Att biex jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettronici, Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta ;
g. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Fil-konfont ta' Joshua Sciberras wahdu:</u>

a. Fl-artikoli 6, 7, 51(7)(9) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi wara li nqraw l-Artikoli tal-ligi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

IKKUNSIDRAT

**<u>XHIEDA</u>**

Xehdet **<u>MaryRose Cachia</u>** li stqarret illi wiehed jghidulu t-Titu kien cemplilha fuq it-telefon tad-dar u qalilha l-kliem *"Hawn hi, jekk tghid lill-Pulizija jiddispjacik?"* Hi gharfet lill-imputat Jide Mallia bhala dik il-persuna. Tghid illi din il-persuna kienet tafu ghaliex kien ta' sikwiet imur id-dar taghha minhabba t-tifel taghha Ryan Cachia ghaliex kien ibighlu d-drogi u hi ssemmi l-*Coke.* Tghid illi Jide Mallia mar xi tliet (3) darbiet id-dar taghha sabiex jithallas minghand it-tifel taghha fuq il-bejgh tad-droga. Tghid illi darba wahda mar ma' iehor bit-tpingija fuq idejh u daqsxejn mibrum. Tghid illi f'xi hin qabel li kien cemplilha Jide Mallia kien cemplilha t-tifel taghha Ryan li kien

infurmaha li kien gie msawwat u li kien ser imur l-ghassa ta' Hal Ghaxaq.

Xehed **Ryan Cachia** li kkonferma li huwa ghandu l-vizzju tad-droga kokaina u kkonferma wkoll illi huwa kien jigi fornut minn Jide Mallia. Jghid illi fl-10 ta' Jannar ghall habta tat-15:30 kien fi Triq is-Salib, Hal Ghaxaq u marru erba' (4) persuni li gharaf bhala l-akkuzati u daruh ghax kellu jaghti lil Jide Mallia tmien mitt ewro (€800) izda jghid li kien tellaghhomlu ghal disa' mitt ewro (€900). Illi x-xhud gie muri basket immarkat bhala Dok. RC1 fejn dan ikkonferma li kien tieghu u fih kellu mobile, cwievet u ID Card li kien fuqu dakinhar tal-incident u kien hadulu Jide.

Jispjega li ezatt qabel l-incident giet fuqu karozza tal-marka Vitz bajda u minnha hargu tliet (3) persuni li gharafhom bhala Jide Mallia, Joshua Sciberras u Jeremy D'Amato. Jghid illi dawn ippruvaw idahhluh fil-karrozza izda hu harbilhom però jghid illi Jide Mallia lahqu u beda jixxuttjah u waqqghu mal-art. Jghid illi kollha qabdu jtuh bil-ponn u bis-sieq. Ix-xhud ikkonferma illi a rigward ir-raba' (4) akkuzat u cioè Keith Spiteri dan kien baqa' fil-karrozza ghax kien qed isuq. Jghid ukoll illi meta harget mara u bdiet tghajjat maghhom huma telqu 'l hemm però beda jghajtulu biex ikellmuh izda hu ma marx.

Jghid illi wara l-incident mar l-ghassa jirraporta. Bhala griehi jghid illi minhabba dan l-incident inqalatlu spalltu u kellu griehi wkoll fi snienu, daru, irkupptejh, saqajh u jdejh.[1]

**Dr Josef Mifsud** ikkonferma Dokument RC2 u kkonferma li fuq il-persuna ta' Ryan Cachia sab is-segwenti griehi: tbengila madwar ghajnejh tal-lemin, spalla tal-lemin zlugata. Illi a rigward l-ispalla din kellha tiddahhal f'postha u stante li kellha bzonn aktar minn sitt (6) gimghat biex tfieq ikklassifika l-griehi bhala gravi. Jikkonferma illi din tal-ispalla kienet digà grat lill-parte civile fil-passat.

**PS1227 Malcolm Pace** kkonferma li wara l-incident u cioè meta bdew icemplu xi nies li raw ix-xena u mar fuq il-post, sab lill-vittma ma' pulizija u ftit wara membri tal-RIU nfurmawh li kienu waqqfu karrozza Toyota Vitz bajda bin-numru ta' registrazzjoni JCE 409 b'erba' guvintur fiha. Jghid illi dawn sabu l-basket (Dok. RC1) fuq il-persuna ta' wahda mill-guvintur u cioè Jide Mallia. Ix-xhud esebixxa zewg esebiti li huma *tie clips* u *masking tape* li nstabu gol-karrozza inkwistjoni.[2] Illi x-xhud jikkonferma wkoll illi talab lil Ryan Cachia biex imorru fuq il-post tal-aggressjoni

[1] Dokument RC2 juri l-griehi subiti mill-vittma.
[2] Dokument MP1 u Dok. MP2.

u hemmhekk induna li kien hemm diversi kameras li setghu gabu l-incident. Fil-fatt jghid illi ra dawn il-filmati u kkonferma l-prezenza tar-raba' imputati flimkien mal-parte civile fit-triq inkwistjoni kif ukoll il-vettura Toyota Vitz bajda.

Ix-xhud kompla jghid illi meta kienet ser tinbeda l-istqarrija tal-imputat Jide Mallia u wara li nghatawlu d-drittijiet kollha hu stqarr mieghu li ried jerfa' r-responsabilità ta' kollox izda meta bdiet tittiehed l-istqarrija bil-miktub huwa nbidel.[3]

Semghet ix-xhieda tal-espert ortopediku nominat minn din il-Qorti u cioè **Mr Frederick Zammit Maemple** li kkonferma li ezamina l-griehi tal-parte civile Ryan Cachia u jikkonferma illi fil-passat dan kien zloga spallejh aktar minn darba li allura, flimkien mal-incident inezami, taghmilha difficli hafna li din tista' tigi korretta kirurgikament. Jghid illi xorta jibqa' l-fatt illi *"Ryan Cachia safa griehi ta' natura gravi perdurata u garrab dizabilita' permanenti stabilita fir-rata ta' 4 fil-mija bhala rizultat tal-incident tal-ghaxra ta' Jannar 2020".*[4]

[3] Dokument MP3 u Dok MP4 drittijiet u stqarrija Jide Mallia.
[4] Dokument FZM a folio 193 tal-process.

**PC261 Karl Isaac Schembri** xehed fuq xi hsarat fic-cella tal-lock up tal-pulizija minn Jide Mallia fil-hdax (11) ta' Jannar 2020 filghodu meta kien qed jaghmel ir-ronda lemah il-frame tal-fanal tal-bozza tac-cella imkisser. Jghid illi meta kien hemm il-first watch fil-hamsa ta' filghodu kollox kien sew. Jghid illi mbaghad biddel ic-cella lill-imputat.

**WPC348 Samantha Pace** li hija stazzjonata fit-Taqsima tal-Forensika pprezentat faxxikolu b'serje ta' ritratti li hadet fuq il-post fejn instabu l-erba' (4) akkuzati gewwa l-vettura Toyota Vitz.[5]

**PC1574 Renaldo Cremona** esebixxa l-valur tad-dannu fic-cella tal-lock up li din tammonta ghal sitt ewro u wiehed u disghin ewro (€6.91).[6]

Ix-xhud **PC1357 Brandon Gilford** xehed li minn tfittxija li ghamel jirrizulta illi Joshua Sciberras ma jippossjedi l-ebda licenzja sabiex izomm arma bil-ponta.

L-espert digitali **Keith Cutajar** halef ir-relazzjoni tieghu li fiha ghamel id-download tal-mobile (Dok. RA6-RA9).

[5] Dokument SP1.
[6] Dokument RC1.

Semghet ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur **l-Ispettur Roderick Attard** li esebixxa sentenza fil-konfront ta' Jide Mallia datata disgha (9) ta' Jannar 2019[7] u sentenza ohra kontra l-istess persuna datata tlettax (13) ta' Novembru 2017.[8]

Finalment ghall-prosekuzzjoni xehdet rapprezentant tad-direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali **Eunice Grech Fiorini** li kkonfermat illi s-sentenza esebita mill-Ufficjal Prosekutur u li giet immarkata bhala Dok. RA7 ma kinitx giet appellata u l-anqas is-sentenza moghtija mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras (Dok. RAX). Ikkonfermat ukoll illi l-multi thallsu kompletament u ghalhekk dawn is-sentenza gew definittivi.

L-espert digitali **Dr Martin Bajada** esebixxa sett ta' ritratti li estratta minn filmat Dok. AF1 permezz ta' rapport esebit u mmarkat Dok. MB1.[9]

**Stephen Cachia** minn Transport Malta kkonferma illi l-vettura Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni JCE 409

[7] Dokument RAX – moghtija mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras.
[8] Dokument RA7 – moghtija mill-Magistrat Caroline Farrugia Frendo.
[9] Folio 362 et seq.

hija registrata fuq Melchior Portelli detentur tal-karta tal-identità 305997(M).

IKKUNSIDRAT

Illi fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar 2022 l-imputati kollha talbu li jithejja social enquiry report minn ufficjal tal-Probation filwaqt li kkonfermaw li ma kellhomx provi x'jipproducu.

Semghet l-ufficjal tal-Probation **Odelsie Vella Bayliss** li pprezentat ir-rapport taghha ghan-nom ta' **Joshua Sciberras** fejn din ikkonkludiet is-segwenti[10]:

> *"Matul l-intervista li saritlu mill-ufficjal tal-Probation, Joshua Sciberras stqarr maghha li huwa ghandu problema ta' rabja u jsibha difficli sabiex jaqsam id-diffikultajiet mieghu ma' haddiehor. Is-sitwazzjoni medika tieghu ma tidhirx li qed tghin f'dan il-qasam, anzi ghall-kuntrarju, tkompli zzidlu man-nervi u rabja tieghu. L-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport tindika li fil-passat l-imputat gie riferut ghand psikjatra mill-eks*

[10] Dokument OV1 – folio 422 et seq.

*imghallem tieghu u dan minhabba li kien jesebixxi problema ta' rabja fuq il-post tax-xoghol, madanakollu huwa attenda erba' sessjonijiet biss mal-imsemmija psikjatra. Huwa ma regax kellu kuntatt ma' xi professjonist minn dak iz-zmien 'l hawn. Dan jindika li sa dan l-istadju, dawn id-dikkikultajiet mhumiex qed jigu indirizzati bis-serjeta'.*

***Pjan ta' Kura***

*L-Ufficjal tal-Probation hi tal-opinjoni li Joshua Sciberras ghandu jfittex l-ghajnuna biex jahdem fuq il-problema tar-rabja, kif ukoll sabiex jahdem fuq id-diffikultajiet emozzjonali u/jew personali tieghu. Dan bil-ghan li jkun jista' jahdem fuqu nnifsu biex jiffunzjona b'mod ahjar kemm fuq livell personali kif ukoll fuq dak socjali, partikolarment meta wiehed iqis li huwa jsibha bi tqila sabiex jaqsam il-hsibijiet u l-emozzjonijiet tieghu ma' persuni ohra".*

Semghet ukoll lill-ufficjal tal-Probation **Sarah Bezzina** li rredigiet ir-rapport ghan-nom tal-imputat **Keith Spiteri**[11] u tghid hekk:

*"**Pjan ta' kura***

*Mill-informazzjoni migbura ghal dan ir-rapport jirrizulta li Keith Spiteri jgawdi minn sapport kbir minn dawk ta' madwaru specjalment minn ommu, filwaqt li jibqa' jzomm din ir-relazzjoni sabiha u b'sahhitha mal-membri tal-familja kollha. Huwa importanti illi Keith Spiteri jkompli jimpenja ruhu sabiex isib impjieg sabiex ikun jista' jghix hajja ta' bzulija u 'l boghod mill-kriminalita'".*

**Matthew Fleri Soler** esebixxa r-rapport tieghu ghan-nom ta' **Jide Mallia**[12] u jghid is-segwenti:

*"Jide Mallia beda jahdem nhar it-28 ta' Frar 2022 wara xi zmien dizokkupat u jsostni illi huwa finanzjarjament indipendenti minhabba li kellu xi flus imgemma'. Jidher illi dan l-ahhar l-imputat qed jirrealizza illi sabiex ikollu struttura f'hajtu impjieg*

[11] Dokument SB1 a fol 451.
[12] Dok. MFS1 a fol 472 tal-process.

*jew tahrig huwa indispensabbli. Mallia jipposjedi hiliet u esperjenza f'oqsma differenti illi jistghu jiffacilitaw il-process illi jsib impjieg.*

*Il-fedina penali tal-imputat mhijiex wahda netta. Dan ghaliex, fl-2017 huwa kien instab hati li kiser diversi dispozizzjonijiet ta' Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll fl-2018 Mallia nstab hati li kiser numru ta' regoli tal-kodici tat-traffiku. F'Jannar 2019, Mallia nstab hati li kellu fil-pussess tieghu d-droga kannabis kif ukoll li spara arma airsoft pistol f'zona li mhux specifikata u approvata ghall-uzu taghha. F'Lulju 2020, Mallia nghata sentenza ta' tliet snin probation fuq kaz ta' serq. Skont Mallia, huwa m'ghandux kazijiet ohra pendenti l-Qorti ghajr ghal dak odjern.*

*Is-sottoskritt beda jsegwi l-progress ta' Mallia wara illi dan ta' l-ahhar kien tpogga taht Ordni ta' Probation ta' tliet snin f'Lulju 2020 fuq kaz ta' serq. L-andament tal-imputat huwa tali illi huwa jattendi l-laqghat mal-Ufficjal tal-Probation b'mod regolari hafna. Ghaldaqstant, deher evidenti sa mill-ewwel kuntatt illi Jide Mallia ghandu rabja kbira illi huwa mhuwiex kapaci jikkontrolla u li hafna drabi*

*tiddetta l-agir tieghu. L-imputat jinsab konxju ta' dan kollu izda kellha ssir diskuzzjoni fit-tul mieghu fuq diversi laqghat sakemm huwa kkonvinca ruhu jindirizzaha permezz ta' ghajnuna psikologika.*

***Pjan ta' Kura***

*Huwa evidenti illi bhalissa tezisti nuqqas ta' stabbilta' f'hajjet l-imputat. Madanakollu, tezisti l-bazi sabiex Mallia jibda pagna gdida f'hajtu 'l boghod mill-kriminalita'. In-nuqqas ta' dipendenza mill-kannabis, bidu ta' sessjonijiet psikologici, kif ukoll il-kura psikjatrika kienu passi 'l quddiem sabiex eventwalment jintlahaq dan l-ghan. Huwa imperattiv illi Mallia jiffoka sabiex jindirizza r-rabja li ghandu u li jiehu vantagg mill-ghajnuna li qed tigi offruta lilu sabiex l-istat emozzjonali tieghu ma jibqax wiehed fragli".*

Ghall-imputat **Jeremy D'Amato** xehdet l-ufficjal tal-Probation **<u>Anabel Bugeja</u>** li fir-rapport taghha mmarkat bhala Dok. AB1 hija kkonkludiet:

*"Jidher li l-maggoranza tal-konoxxenti tal-imputat huma ta' influwenza negattiva. Ghaldaqstant*

*jaghzel li jqatta' l-maggoranza tal-hin tieghu d-dar u dan sabiex ma jiffrekwentax dawn it-tip ta' persuni. Spjega wkoll li jqatta' il-gurnata jilghab bil-Playstation. Madanakollu ricentement qed jaghmel sforz sabiex anke' jahdem. Ghaldaqstant ikun hemm drabi fejn imur jahdem gurnata man-nannu tieghu li jahdem fl-industrija tal-ghamara.*

*L-Ufficjal tal-Probation Anzjan, is-Sur Gordon Grech Sultana, segwa lill-imputat fuq Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sena bejn l-2019 u l-2020. Jidher li d-diffikulta' principali li kellu l-imputat kien l-impjieg. Is-Sur Grech Sultana rrimarka wkoll li l-imsemmi kien ibati wkoll bin-nervi u ghaldaqstant matul is-supervizjoni kien jigi indirizzat dan l-aspett ukoll. Fl-ahhar nett is-Sur Grech Sultana kkonferma li Jeremy kkopera matul din l-Ordni ta' Probation.*

***Pjan ta' Kura***

*Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport irrizulta li l-problema principali ta' Jeremy D'Amato hija l-konoxxenzi ta' influwenza negattiva li ghandu kif ukoll in-nuqqas ta' assertivita' sabiex ma jassocjax*

*lilu nnifsu ma' attivitajiet ma' dawn il-persuni. Madanakollu giet indikata motivazzjoni min-naha tal-imsemmi sabiex jibda jadotta stil ta' hajja kawt u aktar biezel. Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi jinhass il-bzonn li l-imsemmi jkun meghjun permezz ta' ghajnuna professjonali sabiex jinghata l-gwida u s-sapport necessarju."*

IKKUNSIDRAT

<u>Kredibilità tal-vittma</u>

Illi dawn il-proceduri kif ukoll min-noti ta' sottomissjonijiet tad-difiza jippernjaw fuq il-kredibilità tal-parte civile Ryan Cachia. Illi din il-Qorti mill-ewwel tiddikjara illi tqis lill-verzjoni ta' Ryan Cachia kredibbli u dan ghal diversi ragunijiet.

Illi fl-ewwel lok il-verzjoni tax-xhud kienet wahda konsistenti fuq il-fatti u l-persuni involuti mhux kif qed tipprova tpingi d-difiza. Illi Cachia minn dejjem semma' l-erba' imputati bhala l-persuni involuti fl-aggressjoni kif ukoll spjega kif dawn gew b'vettura li huwa jsemmi bhala Vitz bajda. Semma' wkoll kif tlieta biss mill-imputati hargu ghalih u bdew ituh izda wiehed biss baqa' gol-vettura.

Din il-Qorti trid tirrimarka ghal fatt illi Ryan Cachia ttella' inkontroezami hafna wara li gara l-incident u cioè fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2022, mid-difiza ta' Jeremy D'Amato u sarulu hafna mistoqsijiet li kienu ntizi biex igerfxuh u jidher daqs li kieku kien xhud inkonsistenti. Illi din ix-xhieda tieghu inkontroezami qed tigi ghalhekk skartata kompletament u ghandhom biss jigu meqjusa x-xhieda tieghu *a tempo vergine*. In sostenn ta' dan fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[13] gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi wkoll f'dan il-kuntest qed jigi kkwotat l-Artikolu 637 tal-Kodici Penali li jitratta fuq kredibilità fejn jinghad is-segwenti:

[13] Qorti tal-Appell Kriminali deciza fid-19 ta 'Mejju, 1997 .

*"L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' minghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz:"*

Illi x-xhieda ta' Ryan Cachia fiz-zewg istanzi meta ta l-verzjoni tieghu, l-ewwel wahda quddiem din il-Qorti datata 21 ta' Jannar 2020 u quddiem il-Magistrat Marseanne Farrugia li semghet ix-xhieda guramentata tieghu, dejjem xehed b'mod konsistenti b'dettallji tal-aggressjoni li bl-ebda mod ma gew kontradetti. Fil-fatt huwa jghid:

*"**Xhud**: Jannar. Fl-10 ta' Jannar, ghall-habta tat-tlieta u nofs.*

*. . .*

***Xhud**: Ta' filghaxija. Triq is-Salib, Hal Ghaxaq,kienu qabdu jtuni. Daruni.*

***Pros**: Jekk taghti harsa madwarek, taghraf lil xi hadd f'din l-awla li kien involut f'din l-aggressjoni? Jekk hawn xi hadd fuq kollox.*

***Xhud**: L-erbgha li huma.*

. . .

***Pros**: Tghid ghalfejn gara hekk?*

***Xhud**: Ghax kelli ntih?*

***Pros**: Lil min kellek taghti?*

***Xhud**: Lil Jide.*

***Pros**: U fuq xiex kellek ittih?*

***Xhud**: Fuq droga."*

A rigward id-dinamika tal-incident ix-xhud kien emozzjonat izda spjega kif graw il-fatti b'mod dettaljat u konsistenti:

*"**Xhud**: Dakinhar kont qieghed Hal-Ghaxaq jien, ghaddej mit-triq u rajt karozza gejja lejja. U waqfet quddiemi u hargu tlieta minn gol-karozza.*

***Qorti**: Il-karozza tiftakar x'kienet?*

***Xhud**: Bajda kienet, Vitz.*

***Qorti**: U hargu tlieta, min kienu?*

***Xhud**: Jide, ta' fejn it-tieni wiehed.*

***Qorti**: It-tieni akkuzat, li huwa? Joshua Sciberras, ehe.*

***Xhud**: U t-twil.*

***Qorti**: Li huwa?*

***Xhud**: Jeremy D'Amato.*

. . .

***Xhud**: Hargu t-tlieta u ppruvaw idahhluni fil-karozza. U jiena hrabtilhom u Jide xxuttjani u waqqghani mal-art u qabdu jtuni. U bdejt nghajjat ghal ghajjut.*

***Avukat**: Kif qabdu jtuk?*

***Xhud**: Bil-ponn.*

*. . .*

***Xhud**: Bil-ponn u bis-sieq u mbaghad.*

***Qorti**: Kienu kollha, kien wiehed? Tnejn?*

***Xhud**: Tlieta kienu ghax wiehed baqa' gol-karozza.*

***Avukat**: Min baqa' fil-karozza?*

***Xhud**: Keith.*

*. . .*

***Avukat**: Kif spiccajt mal-art?*

***Xhud**: Ghax Jide xxuttjani u waqqani mal-art.*

. . .

***Xhud**: Imbaghad kien hemm wahda harget minn fuq u qaltilhom: "Hadtilkom in-numru". U telqu, rriversjaw u mbaghad gew minn wara. U gew Jide u ta' hdejh.*

. . .

***Xhud**: Jide u t-tieni wiehed.* (ghal Joshua)

***Xhud**: Iva, kienu l-boghod. U mbaghad kienu ghaddejjin u kien hemm mara u bdejt nitlobha ghal ghajnuna. U daru maghha u keccewha lilha. U qabdu jtuni, haduli l-basket u l-mobile, kienu qed jippruvaw jifgawni wkoll biex ma dakx.*

. . .

***Pros**: Dawn ippruvaw jaghmlu xi haga lilek b'rabta ma' din il-karrozza?*

***Xhud**: Ippruvaw idahhluni go din il-karozza. Ghidtha ta.*

. . .

***Xhud**: Hrabtilhom. Ippruvajt nahrab imma Jide xxuttjani u waqqghani mal-art".*

Illi tenut kont ta' dan, din il-Qorti ma tistax issib lix-xhud kien b'xi mod mhux kredibbli hekk kif qed tallega d-difiza.

Illi fit-tieni lok jinghad illi l-verzjoni tal-parte civile Ryan Cachia tikkombacja perfettament mal-filmat esebit in atti u li minnu hargu stills tal-incident *de quo*. Illi din l-evidenza cirkostanzjali tkompli ssostni u tikkorrabora l-verzjoni tal-parte civile bhala wahda kredibbli u veritiera.

Illi din it-tip ta' prova ghandha titqies mill-Qorti bhala wahda importanti u determinanti. Illi f'sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-<u>Pulizija v Joseph Gauci et</u>** [14] gie ritenut li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

---

[14] Qorti tal-Appell Kriminali deciza fil-5 t 'Ottubru, 1998 .

Infatti mill-istills ipprezentati mill-espert Dr Martin Bajada minn filmat esebit u mmarkat bhala Dok. AF1 li kien gie elevat minn PS1147 Antoine Fenech, jidher b'mod car il-karrozza l bajda li semma' l-parte civile li tieqaf vicin tieghu u minnha johorgu tliet (3) guvintur. Tidher ukoll b'mod car l-aggressjoni hekk kif iddeskriviha l-istess Cachia bit-tliet (3) guvintur jaghtuh bil-ponn u bis-saqajn meta huwa kien fl-art. Jidher ukoll il-mument meta fethu l-bibien tal-karozza u huma jippruvaw idahhluh fl-istess karozza. Jidher ukoll il-mument meta tissemma' mara li bdiet tkellem lill-guvintur.

Illi din il-Qorti taqbel mad-difiza li mill-filmat ma setghux jigu identifikati min kienu l-guvintur ghalkemm il-prosekuzzjoni setghet titlob lill-Qorti sabiex jigu identifikati mill-parte civile billi jintwerew dawn ir-ritratti, però dan huwa bizzejjed sabiex il-verzjoni tal-parte civile tigi meqjusa attendibbli u veritiera ghaliex tikkombacja ma' dak li kien qal bil-gurament.

<u>Reat ta' serq</u>

Illi l-imputati kollha huma addebitati bir-reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur u bil-vjolenza ta' basket u mobajl li kien jappartjeni lill-parte civile Ryan Cachia. Illi fix-xhieda

tal-istess Ryan Cachia gie kkonfermat illi waqt l-aggressjoni t-tliet guvintur li huwa gharaf bhala Jide Mallia, Joshua Sciberras u Jeremy D'Amato hadulu basket li kien fih mobile tal-marka *Element* li huwa jghid li kien xtrah madwar tletin ewro (€30), mazz cwievet li wara nstabu fil-pussess tal-imputati gewwa l-karozza u ID card tieghu.

Illi a rigward l-aggravji senjatament tal-vjolenza jidher car illi dawn l-oggetti ttiehdu meta dawn it-tliet guvintur iccirkondaw lill-parte civile u wara li sawwtuh hadulu dan il-basket kontenenti dawn l-oggetti. Illi però a rigward l-aggravju tal-valur dan ma giex ippruvat ghaliex l-ebda stima tal-basket jew tal-mobile ma giet ipprezentata fl-atti. Illi l-Qorti trid tippremetti illi ghalkemm tlieta biss mill-guvintur kienu nvoluti fl-aggressjoni xorta wahda jibqa' l-fatt li a rigward tas-serq dan kien hemm disinn komuni bejn l-imputati kollha sabiex jigu rkuprati xi flejjes li Ryan Cachia kellu jaghti lill-imputat Jide Mallia u ghalhekk kollha ghandhom jigu kkundannati ghal serq bl-imputat Keith Spiteri jigi misjub hati ghal serq semplici minghajr aggravji izda t-tlieta l-ohra jigu misjuba hatja ghal serq akkumpanjat bil-vjolenza.

<u>Reati ta' feriti u tentattiv ta' sekwestru</u>

Illi a skans ta' ripetizzjoni hareg kif it-tliet imputati Mallia, Sciberras u D'Amato aggredew lill-parte civile Ryan Cachia. Illi hareg ukoll mid-depozizzjoni tieghu kif dawn ikkawzawlu fost l-ohrajn feriti fi spallejh bil-konsegwenza li kellu jmur l-isptar biex it-tobba jerghu jqieghduhielu f'postha. Hareg ukoll mir-rizultanzi tal-espert Mr Frederick Zammit Maemple illi kagun ta' dan l-incident Cachia garrab dizabilità permanenti ta' 4 fil-mija. Issa d-difiza ppruvat tiddiskredita dan l-ammont billi targumenta illi Cachia kien digà sofra minn qlugh fl-ispalla ghal diversi drabi fil-passat izda d-depozizzjoni tal-espert kienet cara fis-sens illi li kieku ma sarx dan l-incident l-ispalla ta' Cachia kienet tibqa' f'postha kif kienet qaghdet ghal aktar minn erba' snin qabel l-incident u ghalhekk din il-kwantifikazzjoni kienet attribwibbli ghal dan l-incident. Però jibqa' l-fatt illi din il-Qorti ma tistax tkun konvinta oltre' d-dubju dettat mil-ligi li r-rizultanzi tal-espert kienu jkunu dawn u cioè li l-feriti jaqghu taht l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux taht l-Artikolu 216 u ghalhekk a beneficcju tal-imputati ser tigi applikata l-anqas piena oneruza u cioè dik taht l-Artikolu 216.

A rigward ir-reat ta' tentattiv ta' sekwestru l-imputat qeghdin jigu akkuzati taht l-Artikolu 86 u 87(1)(c) tal-Kodici Kriminali li dawn jistipulaw is-segwenti:

*"86.Kull min, bla ordni skont il-ligi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà taghha, jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn:*

*Izda, il-qorti tista', fil-kazijiet hfief, taghti l-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.*

*87.(1)Il-piena tad-delitt imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan, tkun ta' prigunerija minn tlettax (13)-il xahar sa sitt (6) snin fil-kaz li tirrizulta wahda jew izjed mic-cirkostanzi li gejjin:*

*. . .*
*(c) jekk il-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata, tkun giet offiza fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt; . . . ".*

Illi a skans ta' ripetizzjoni hareg kif it-tliet guvintur Mallia, Sciberras u D'Amato bdew jimbuttaw lil Cachia sabiex

jidhol fil-karrozza li tidher mill-filmat tersaq lejhom u jifthu l-bibien sabiex idahhlu lill-vittma gewwa. Illi hareg ukoll li fil-vettura nstabu tie clips li jistghu jintuzaw minflok manetti u masking tape li wkoll jista' jintuza sabiex jigi mghotti halq persuna. Illi fortunatament dawn l-oggetti ma ntuzawx ghaliex Cachia rnexxielu jahrab minn fuq il-post u jilhaq fixed point tal-Avukat Franco Debono li dak iz-zmien kien sentinella hdejn ir-residenza tieghu, u ghalhekk inghata t-tentattiv ta' sekwestru. Illi l-involviment ta' Keith Spiteri kien wiehed li ghen sabiex iwassal il-karozza vicin taghhom u jkun aktar facli ghalihom sabiex jiddahhal il-vittma. Ghaldaqstant dawn l-akkuzi gew ippruvati.

<u>Reat ta' hsarat volontarji – Jide Mallia</u>

A rigward din l-akkuza din il-Qorti ma tistax tara kif il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din l-akkuza ghaliex giet trattata b'mod superficjali inkwantu ghal provi prodotti. Mix-xhieda ta' ufficjal tal-pulizija li kien qed jaghmel ir-ronda fil-lock up tal-pulizija hareg illi lemah xi hsarat izda la gew esebiti xi ritratti li turi din il-hsara u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tapprezza vizibilment in-natura ta' dawn l-allegat hsarat anke jekk giet esebita stima. Di piu' ntqal minn dan l-ufficjal tal-pulizija li l-

ufficjal li kien ghassa aktar kmieni filghodu kien stqarr mieghu li kollox kien sew izda fl-ebda stanza ma ttella' dan l-ufficjal. Ghaldaqstant din l-akkuza ma tistax tigi ppruvata.

Reat ta' biza' – Artikolu 251B(1) fil-konfront ta' Jide Mallia

F'dan ir-rigward, fil-konfront tal-allegat fastidju kkagunat lill-parte civile u lil ommu Mary Rose, il-Qorti ser taghmel referenza ghad-definizzjoni tal-istess misjuba fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt A Cachia) v. Massimo Tivisini**.[15]

> *"Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz "harassment") gie introdott ghall- ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali."*

> *"Umbaghad l-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza'*

[15] deciza nhar is-27 ta' Frar, 2009

*kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Dan hu r-reat dedott fit-tieni imputazzjoni. Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-reasonable man. Hemm ukoll f' dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251A (3)(a)(b) u (c) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal-harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal- proprjeta' taghha jew ta' haddiehor."*

Illi sija mix-xhieda ta' omm il-vittma kif ukoll mix-xhieda tieghu stess ma harigx li precedentement ghal dan l-incident kien hemm xi tip ta' atteggjament vjolenti jew intimidatorju fil-konfront taghhom u ghalhekk il-*course of conduct* rikjest taht dan l-Artikolu ma giex ippruvat.

<u>It-tmien akkuza fil-konfront ta' Jide Mallia – Kapitolu 101</u>

Stante illi kif qalet ben tajjeb id-difiza tieghu li ma nhargitx il-kontr-ordni mill-Avukat Generali din il-Qorti m'ghandhiex il-kompetenza necessarja sabiex tiratta fuq din l-akkuza bhala procedura sommarja kif ghamlet fuq l-akkuzi l-ohra u qatt ma seta' kellha l-kunsens tal-imputat.

Dan il-kunsens tal-akkuzat huwa element necessarju fit-termini tal-Artikolu 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta l-Avukat Ġenerali johrog il-kontrordni skont dak l-artikolu li jistabbilixxi s-segwenti:

> *"Minkejja li l-Avukat Generali jkun ordna skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 22(2), li persuna tigi processata mill-Qorti Kriminali, huwa jista', f'kull zmien qabel ma jipprezenta l-att tal-akkuza, jew f'kull zmien wara li jipprezenta l-att tal-akkuza u qabel ma jintaghzel il-guri, u bil-kunsens tal-akkuzat, jordna li dik il-persuna tigi processata quddiem il-Qorti tal-Magistrati u malli jsir dak l-ordni l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tkun kompetenti li tipprocessa lil dik il-persuna daqs li kieku ma jkun inghata ebda ordni qabel..."*

Illi kwindi, la darba jinghata l-kunsens tal-akkuzat sabiex il-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja tikkonverti f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex finalment tghaddi ghall-gudizzju fl-gheluq tal-kawza kontra l-istess akkuzat u ghalhekk din l-akkuza ma tistax tigi trattata u deciza.

L-akkuza taht l-Art. 49(a) tal-Kap. 339 kontra Jide Mallia

Illi jinghad illi anke din l-akkuza ma gietx ippruvata stante illi ghalkemm temmen il-veracità tat-testimonjanza ta' omm il-vittma Mary Rose Cachia li l-imputat Jide Mallia cemplilha u intimidaha fl-ebda istanza tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma harigx fuq liema numru tat-telefon dan cempel u ghalhekk din il-Qorti ma setghetx tikkonstata jekk issibx xi telefonata lil dan in-numru mill-lista pprezentata mill-espert Keith Cutajar fir-rapport tieghu.[16]

Akkuza taht il-Kap. 480 kontra Joshua Sciberras

Illi f'dawn il-proceduri gie esebit mus li gie mmarkat bhala Dok. RA5 ipprezentat mill-Ufficjal Prosekutur Roderick Attard. Illi mit-testimonjanza tal-Ispettur dan jghid illi gie

[16] Folio 275 et seq.

nfurmat illi nstab dan il-mus fuq il-persuna ta' Joshua Sciberras izda qatt ma ttella' dak l-ufficjal tal-pulizija li kien fuq il-post dakinhar tal-incident u li sab dan il-mus fuq il-persuna tal-akkuzat. Ghaldaqstant ma ttellghatx l-ahjar prova f'dan ir-rigward.

Illi r-rimanenti tal-akkuzi u cioè l-akkuzi erbgha (4) u hamsa (5) fil-konfront tal-akkuzati kollha jirreferu ghall-kontravenzjonijiet tal-ksur tal-buon ordni taht l-Artikolu 338(dd) u dik tal-ingurji jew theddid taht l-Artikolu 339(e) li m'hemmx dubju li gew ippruvati biss kontra l-akkuzati Mallia, D'Amato u Sciberras stante izda li huma assorbiti fl-akkuzi l-ohra aktar serji.

Finalment jinghad illi l-addebitu tar-recidiva fil-konfront ta' Jide Mallia gie ampjament ippruvat permezz ta' sentenzi pprezentati f'dawn l-atti flimkien mal-konferma ta' dawn is-sentenzi.

<u>Piena</u>

Illi tenut kont l-età zghira tal-imputati kollha u tenut kont illi mir-rapporti tal-ufficjali tal-Probationipprezentati fl-atti jirrizulta illi l-erba' akkuzati ghandhom cans illi jirriformaw ruhhom u tenut kont illi li kieku jinghataw piena karcerarja

ghandhom cans illi jitilfu t-triq it-tajba aktar milli li kieku jiehdu piena retributorja, din il-Qorti ser timponi din l-ahhar piena.

**Ghal dawn il-motivi**:

- Wara li rat l-Artikoli 17, 261(a), 274(b), 216(1)(a)(ii), 216(1)(d), 41(1)(a), 86, 87(1)(c), 338(dd), 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Joshua Sciberras** hati tal-ewwel (1) (izda mhux bl-aggravju tal-valur), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi fil-konfront tieghu izda ma ssibux hati tal-ghaxar (10) akkuza u kwindi tilliberah minnha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin;

- Wara li rat l-Artikoli 17, 42(d), 284, 41(1)(a), 86, 87(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Keith Spiteri** hati tal-ewwel (1) akkuza (izda mhux bl-aggravju tal-vjolenza u valur), it-tielet (3) akkuza izda ma ssibux hati tat-tieni (2) akkuza u kwindi tilliberah minnha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn (2);

- Wara li rat l-Artikoli 17, 261(a), 274(b), 216(1)(a)(ii), 216(1)(d), 41(1)(a), 86, 87(1)(c), 338(dd), 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Jeremy D'Amato** hati tal-ewwel (1) akkuza (izda mhux bl-aggravju tal-valur), it-tieni (2) akkuza, it-tielet (3) akkuza, ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin;

- Wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 261(a), 274(b), 216(1)(a)(ii), 216(1)(d), 41(1)(a), 86, 87(1)(c), 338(dd), 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Jide Mallia** ssibu hati tal-ewwel (1) akkuza (izda mhux bl-aggravju tal-valur), t-tieni (2) akkuza, it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi filwaqt li ma ssibux hati tas-sitt (6), seba' (7) u d-disa' (9) akkuzi kif dedotti kontrih u kwindi tilliberah minnhom u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien (8) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin kif ukoll ghal Ordni ta' Servizz fil-komunità ghal hamsin (50) siegha.

Inoltre' u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputati kollha b'mod solidali

jhallsu parti mill-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri li jammontaw ghal seba' mija u disgha u hamsin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€759.58) fi zmien sena mil-lum.

Finalment u a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed timponi Ordni ta' Trazzin kontra l-imputati kollha u a favur ta' Ryan Cachia u dan ghal zmien tliet (3) snin mil-lum.

Illi l-ordnijiet kollha ghandhom jiffurmaw parti integrali ma' din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputati Joshua Sciberras, Keith Spiteri, Jeremy D'Amato u Jide Mallia r-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**